## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 177/2023 MS*

**Maria Kristina Pace għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Florence Tewogbola**[1]

**Vs.**

1) **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**
2) **Michael Oluwafemi Tewogbola**

Illum, 14 ta' Lulju 2025

Kawża Numru: 9

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-21 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

[1] Il-kwalità rappreżentattiva tal-attriċi ġiet miżjuda b'dikriet mogħti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-23 ta' Mejju 2023.

Illi r-rikorrenti kienet f'relazzjoni mas-Sur Michael Oluwafemi Tewogbola u minkejja li qatt ma kienu miżżewġin fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) twieldet binthom;

Illi fuq l-Att tat-Twelid fil-parti *Ismijiet mogħtijin*, l-istess minuri ġiet indikata bħala Florence Tewogbola, liema att huwa anness u mmarkat bħala '**Dok A';**

Illi minkejja l-isforzi kollha tar-rikorrenti sabiex tgħin lis-Sur Micheal Oluwafemi Tewogbola joħroġ mill-vizzju tad-droga u tax-xorb sabiex ikun missier preżenti f'ħajjet binthom dan ma kienx possibbli, u b' riżultat ta' dan l-minuri ma għandix relazzjoni tajba ma' missierha, filfatt tarah biss darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ meta dan ma jkunx qiegħed fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata s-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2022) il-missier intimat kien imneżża' mill-kura u l-kustodja, kif ukoll mill-awtorita' ta' ġenitur, u dawn ġew vestiti unikament fl-attriċi, kopja legali tas-sentenza hawn anness u mmarkata bħala **'Dok B';**

Illi minħabba li kunjom missierha huwa pjuttost partikolari u in vista tar-relazzjoni diffiċli mal-missier, il-minuri issa li qiegħda tikber u qed issir iktar konxja u ta' spiss tesprimi x-xewqa li jkollha l-kunjom ta' ommha biss, ċioe 'Pace';

Illi minkeja li minuri dejjem kienet magħrufha bħala Florence Pace mal-familjari u ħbieb, tħoss ix-xewqa li dan l-isem ikun awtorizzat u rikkonoxut b'mod uffiċjali minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tevita mistoqsijiet minn sħabha dwar il-kunjom 'Tewogbola' li huwa kunjom kemmxejn mhux tas-soltu;

Illi huwa fl-interess tal-minuri li tuża l-kunjom 'Pace' sabiex b'hekk tħossha parti mill-familja, ma tħossiex differenti mill-bqija tal-kuġini, u tevita li tiġi '*singled out'* mill-bqija tal-klassi minħabba kunjomha;

Illi minn barra l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qiegħda sserraħ it-talba tagħha ukoll fuq l-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddikjara li '*(1) Jekk iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ ikunu ġew magħrufin mill-ġenitur li ma wiledx, dak l-iben jew dik il-bint* ***għandhom jieħdu l-kunjom ta' wieħed mill-ġenituri****, jew il-kunjom taż-żewġ ġenituri, fl-ordni li jagħżlu...';*

Illi permezz tal-emendi li daħlu fis-seħħ bl-tal-Att Nru.LXV tal-2020, l-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sar

jipprovdi lill-ġenituri l-għażla li jagħtu lil minuri l-kunjom ta' wieħed minnhom biss, b'hekk il-minuri tista' tingħatha l-kunjom tal-omm biss minkejja li ġiet rikkonoxutha mill-missier;

Illi minkejja li l-missier mhux jikkontribwixxi bl-ebda mod għat-trobbija tal-minuri, huwa rrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-minuri tieħu kunjom ommha u dan skont ix-xewqat tagħha stess;

Illi minħabba l-eta' tal-minuri dan il-kambjament fil-kunjom m'għandux jaffettwa bl-ebda mod lil terzi persuni u għalhekk mhux ser ikun hemm l-ebda preġudizzju kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti;

Illi r-raġuni għal proċeduri hija li r-rikorrenti ħasset il-bżonn li tintavola dan ir-rikors *ai termini* tal-Artikolu 253 *et seq.* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-minuri tieħu kunjom ommha;

l-istess attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tawtorizza lill-minuri Florence sabiex tkun magħrufa bil-kunjom tar-rikorrenti ommha u ċjoe "Florence Pace" u dan *ai termini* tal-artikoli 92 u 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrenti, Florence Tewogbola, li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 2384/2015 billi fil-kolonna intestata *Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom*[2], jitneħħa l-kunjom 'Tewogbola' u minflok jitpoġġa l-kunjom 'Pace,' sabiex b'hekk il-minuri tkun uffiċjalment magħrufha bħala 'Florence Pace';

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li t-talba preċedenti ma tintlaqgħax, jiġi minn din l-Onorabbli Qorti ordnat l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrenti Florence Tewogbola li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 2384/2015 billi fil-kolonna intestata *Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom*[3], jiżdied mal-kunjom 'Tewogbola' il-kunjom 'Pace,' sabiex b'hekk il-minuri tkun uffiċjalment magħrufha bħala 'Florence Pace Tewogbola';

4. Tordna lill-intimat jagħmel dak kollu neċċessarju sabiex tali tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għal bint ir-rikorrenti, inkluż il-passaport tal-minuri, u dan skont l-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] Korrezzjoni awtorizzata b'dikriet tat-23 ta' Mejju 2023.
[3] Korrezzjoni awtorizzata b'dikriet tat-23 ta' Mejju 2023.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fid-29 ta' Marzu 2023[4], li biha ġie eċċepit dan li ġej:

1. Illi in linea preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-**Gazzetta tal-Gvern** minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi preliminarjament ukoll, il-minorenni Florence Tewogbola għandha tiġi **kjamata in kawza** u jinħatru kuraturi sabiex jirraprezentaw l-interessi tagħħa stante illi it-talbiet attriċi jirrigwardjaw l-kunjom tal-interess minuri fuq l-Att tat-Twelid tagħha;

3. Illi l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji **<u>salv dak li ġej</u>**:

4. Illi jirrizulta illi l-kunjom 'Tewogbola' ingħata lil minuri Florence wara li saret **dikjarazzjoni konġunta** miż-żewg ġenituri u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid 2384/2015, vera kopja anness u mmarkata **<u>Dok. DRP 1</u>**, kif ukoll mid-dikjarazzjoni magħmula miż-żewġ ġenituri ai termini tal-Artikolu 292A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), vera kopja annessa u mmarkata **<u>Dok. DRP 2</u>**;

5. Illi in kwantu għat-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u salv illi l-Qorti tkun sodisfatta illi **tibdil rikjest huwa verament fl-aħjar interess tal-minuri u li jinġabu provi sal-grad rikjest mill-liġi li juru li l-minuri verament kienet magħrufa tul ħajjitha bil-kunjom 'Pace' u mħux 'Tewogbola'**;

6. Illi magħdud ma dan, tajjeb jingħad illi li kieku l-missier kien lest li jagħti il-kunsens tiegħu, kunjom il-minuri kien jista jiġi mibdul permezz tal-Formula WW ai termini tal-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 u dan mingħajr ma kien ikun hemm bżonn ta' kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi in kwantu għat-**<u>tieni u it-tielet talba</u>**, l-attriċi għandha titlob korrezzjoni għaż-żewġ talbiet ai termini tal-

[4] Fol.36.

Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi jekk xi talba minnhom tintlaqa, **it-tibdil li jrid iseħħ huwa fil-kolonna intestata <u>"Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom"</u> u mhux fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtija"**, u dana stante wkoll li din ta' l-aħħar tirreferi biss għal isem tal-persuna u mhux għall-kunjom;

8. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, fir-rigward tar-**<u>raba' talba</u>** attriċi, in kwantu r-rikorrenti titlob illi kwalunkwe korrezzjoni li tista' tiġi ordnata fl-Att tat-Twelid ta' Florence Tewogbola (allegatament magħrufa bħala Pace) għandha tiġi riflessa f'kull att ċivili relattiv, **r-rikorrenti għandha ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta tindika permezz ta' nota n-numru progressiv u s-sena ta' kull att ċivili li trid li jinbidel**. In oltre, tajjeb jiġi eċċepit, li d-Direttur ma jistax jagħmel korrezzjonijiet fuq il-Passaport tal-minuri jew il-karta tal-identita';

9. Illi finalment u dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti **mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut preżentata fil-11 t'Awwissu 2023, li biha huwa wieġeb hekk:

1. Illi huwa minnu li l-esponenti kien f'relazzjoni mal-attrici u minn din ir- relazzjoni twieldet tifla fl-1 ta' Mejju 2015;

2. Illi fuq l-att twelied tat-tifla tal-partijiet, bin-numru 2384/2015 it-tifla tal- l-partijiet giet registrata bhala Florence Tewogbola;

3. Illi minkejja li kien hemm dizgwit bejn il-partijiet u kien hemm sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jibqa' l-fatt, minghajr ebda dubju li l- minuri hija l-bint bijologiku tal-esponenti u ghalhekk hadet kunjomu mat- twelied;

4. Illi t-tifla ma setghet qatt tuza' l-kunjom Pace f'isimha ghax isimha hija propju Florence Tewgbola u Pace m'huwiex indikat fic-certifikat tat- twelied;

5. Illi jekk it-tifla uzat il-kunjom Pace, mal-familjari u hbieb, kif qieghda tikkonferma l-attrici din intuzat b'mod hazin minnha u hija l-attrici stess li qieghda tipprova timmanipula s-sitwazzjoni ghax kienet l-omm li gieghlet lit-tifla tuza dan

il-konjom ghax bhala fatt it-tifla kienet ta' eta' zghira hafna tant illi ghadha kemm għalqet l-eta' ta' tmien snin;

6. Illi jidher bl-aktar mod car illi l-omm qieghda tipprova ccahhad lil-esponenoti mid-drittijiet tieghu kollha ta' missier, sahansitra li bintu tuza' kunjomu li huwa insult ghal kull missier, specjalment ghal-esponenti li huwa min-Nigeria u bintu tista' titlef id-drittijiet ta' wirt tal-familja;

7. Illi huwa inaccetabbli li l-omm tippova tpingi li minhabba kulomha t-tifla qieghda tigi singled out mill bqija tal-klassi u mill-kugini ghax bhala fatt hija stat ta' fatt illi-kugini ma jkollhomx l-istess kuljom;

8. Illi meta twieldet it-tarbija l-attrici ma talbitx sabiex izzid il-kunjom taghha ma' dak tal-missier, u ma sabet ebda oggezzjoni li l-minuri tiehu kunjom missierha;

9. Illi l-artikolu 253 taghmel referenza ghal ismijiet li bihom persuna tkun maghrufa izda ma taghti ebda dritt lil persuna li tuza' kunjom kompletament differenti mill-kunjom ufficjali sempliciment ghax l-omm tibda tikteb kunjom iehor flokk il-kunjom vera haga li l-anqas l-iskola ma setghet qatt taccetta;

Ghaldaqstant lit-talba sabiex il-kunjom tal-minuri fl-Att tat-twelied taghha ghadu jinbidel ghandu jigi michud

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

4. Semghet ix-xiehda prodotti mill-partijiet;

5. Rat id-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat ukoll ir-rapport tal-avukat tat-tfal, maħtura b'dikriet tad-19 ta' Jannar 2024[5];

7. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

8. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

[5] Fol.115.

9. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha l-attriċi titlob li bintha tkun magħrufa b'kunjomha minflok b'kunjom missierha, jew sussidjarjament, sabiex jiżdied kunjomha mal-kunjom patern, u sabiex isiru t-tibdiliet neċessarji fl-att ta' twelid tagħha.

10. Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

11. Il-minuri Florence twieldet fl-1 ta' Mejju 2015, bint l-attriċi u l-konvenut. It-twelid tagħha ġie reġistrat permezz tal-att ta' twelid bin-numru progressiv 2384/2015, li daħal fir-Reġistru Pubbliku fl-14 ta' Mejju 2015[6]. Fuq dan l-att, li sar mill-attriċi u mill-konvenut flimkien, ġie dikjarat li l-minuri se tkun magħrufa bħala «Florence Tewogbola»[7].

12. B'rikors ġuramentat bin-numru 149/2018AL fl-ismijiet *Maria Kristina Pace vs. Michael Oluwafemi Tewogbola*, l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (i) tordna li s-setgħa tal-ġenituri dwar il-minuri Florence tkun vestita esklussivament fiha; (ii) tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lilha, bis-setgħa li weħidha tieħu deċiżjonijiet dwar saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra dwar l-istess minuri; (iii) tordna li r-residenza tal-minuri tkun esklussivament magħha; (iv) tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment; (v) tawtorizzaha tikseb il-passaport tal-minuri weħidha; (vi) tordna li kull aċċess tal-konvenut ikun eżerċitat taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ. Il-konvenut kien kontumaċi. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Lulju 2022[8], il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (i) laqgħet l-ewwel u l-ħames talbiet u ddikjarat li s-setgħa tal-ġenituri tkun vestita unikament fl-attriċi, b'dan illi l-attriċi jkollha l-fakultà li weħidha tieħu deċiżjonijiet kemm ordinarji u kemm straordinarji fil-konfront tal-minuri; (ii) laqgħet ukoll it-tieni u t-tielet talbiet; (iii) laqgħet ir-raba' talbiet u provdiet dwar manteniment pagabbli mill-konvenut; (iv) laqgħet ukoll is-sitt talba billi tat aċċess lill-konvenut darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt superviżjoni tal-Aġenzija; (v) ikkundannat lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

---

[6] Fol.6.
[7] Fol.41.
[8] Fol.8.

13. L-attriċi tgħid li l-konvenut qatt ma wettaq id-dmirijiet tiegħu bħala missier, u dan la direttament permezz ta' għajnuna fil-kura u fit-trobbija ta' bintu, u lanqas indirettament permezz ta' assistenza finanzjarja[9]. Hi xehdet li kien fuq insistenza tal-konvenut li l-minuri ingħatat kunjomu, anki għaliex hu ħadha b'offiża li l-attriċi riedet li l-minuri jkollha kunjomha. Ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut intemmet meta l-minuri kellha sena u tliet xhur, minħabba atti mtennija ta' vjolenza u minħabba l-vizzju tad-droga li kellu l-konvenut.

14. L-attriċi xehdet illi għaż-żmien kollu ta' trobbija ta' bintha, kienet hi li ħadet ħsiebha u ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħha[10]. Anki wara li l-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment mill-Qorti, huwa naqas li jagħmel dan, tant li anki nstab ħati għadd ta' drabi mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali talli naqas li jħallas il-manteniment kif ordnat[11].

15. L-attriċi tgħid li l-attendenza tal-konvenut għall-aċċess huwa sporadiku, u spiss ma jattendix jekk ma jiġix imfakkar dakinhar jew lejliet. Ġieli jitlaq qabel il-ħin ukoll[12]. Intqal li l-minuri ġieli ma tkunx trid tattendi għall-aċċess minħabba t-triq u għax ma jkollix aptit[13]. Però b'mod ġenerali, irriżulta li waqt l-aċċess il-minuri tieħu gost tiltaqa' ma' missierha[14]. Min-naħa l-oħra, il-psikologa Carmen Galea, li kienet tara lill-minuri minn Jannar 2023, xehdet li t-tifla dejjem issib xi nuqqas f'missierha u ġeneralment ma tkunx akkanita li tiltaqa' miegħu[15].

16. L-attriċi xehdet li l-minuri minn età żgħira ma kinitx komda bl-użu ta' kunjom il-konvenut[16]. Peress illi hija aktar viċina għall-familja ta' ommha, hija wriet ix-xewqa li tkun magħrufa bil-kunjom ta' dik il-familja, tant li meta tiġi mistoqsija kunjomha, hija qatt ma ndikat isimha sħiħ bil-kunjom «Tewogbola» u hekk tikteb isimha l-iskola[17]. Minħabba li l-kunjom mhux komuni, meta kien hemm drabi li

---

[9] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.52.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.53.
[11] Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 t'Ottubru 2022 (fol.56 u 58).
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.53.
[13] Ara x-xiehda ta' Bradley Desira, a fol.121.
[14] Ara x-xiehda ta' Bradley Desira, a fol.122.
[15] Fol.135.
[16] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attriċi, a fol.106-107.
[17] Fol.62.

l-konvenut kien l-oġġett ta' xi artikolu fuq gazzetti minħabba li jiġi mixli l-qorti fuq xi delitt, dan kien fonti ta' mistħija għall-minuri[18]. Irriżulta li ħafna drabi l-minuri hija magħrufa bl-isem «Florence Pace Tewogbola»[19]. L-attriċi saħansitra tgħid li bintha ma riditx titgħallem tikteb kunjom missierha, u tiktbu biss għal skopijiet uffiċċjali billi tikkupjah[20].

17. Irriżulta li l-minuri tkellmet fuq ix-xewqa tagħha li tbiddel kunjomha anki mal-uffiċċjali tal-Aġenzija Appoġġ, u hi spjegat li dan xtaqitu għaliex kunjomha twil u diffiċli biex tiktbu[21]. Mal-psikologa Carmen Galea, il-minuri tkellmet fis-sens li riedet li kunjom ommha jiġi qabel ta' missierha[22].

18. L-attriċi tgħid li hija kellmet lill-konvenut bil-għan li l-kunjom tal-minuri jinbidel skont ix-xewqat tagħha, u għalkemm il-konvenut kien aċċetta, u anki wiegħed lill-bintu li se jikkopera, reġgħa lura minn kelmtu għaliex il-bidla fil-kunjom għalih kien insult.

Ikkunsidrat:

19. Illi tajjeb li jingħad li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur konvenut ġiet sorvolata peress li saret id-debita pubblikazzjoni kif irid l-artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili. Hekk ukoll ġew sorvolati t-tieni u s-seba' eċċezzjonijiet bid-dikrieti li ġew mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-23 ta' Mejju 2023.

20. Sewwa jgħid id-Direttur konvenut fis-sitt eċċezzjoni tiegħu li l-bidla li qed titlob l-attriċi setgħet issir taħt l-artikolu 92(6) tal-Kodiċi Ċivili. Dik id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> Dan l-artikolu għandu japplika wkoll għal kull iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ ġewwa Malta qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra:

[18] Ara, per eżempju, l-artikolu eżebit a fol.61.
[19] Fol.63-76.
[20] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.54.
[21] Ara x-xiehda ta' Bradley Desira, a fol.122.
[22] A tergo ta' fol.135.

> Hekk iżda li ż-żewġ ġenituri, jew wieħed jew waħda mill-ġenituri meta l-ġenitur l-ieħor huwa mejjet, jew it-tutur jew il-kuratur meta ż-żewġ ġenituri jkunu mejtin, għandhom jippreżentaw jew jaraw li tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Formula WW inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, li turi li l-iben jew bint għandhom jieħdu kunjom ġdid skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
>
> Iżda wkoll tali nota ma tistax issir wara li jgħaddu ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra:
>
> Iżda wkoll meta l-iben jew il-bint ikunu tal-età, il-Formula WW għandha tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku minn dak l-iben jew dik il-bint:
>
> Iżda wkoll malli jirċievi dik il-Formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jagħmel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni fuq dawk l-atti tal-istat ċivili fejn jidhru dak l-iben jew dik il-bint.

21. Din id-dispożizzjoni tgħid li l-bidla in kwistjoni tista' ssir miż-żewġ ġenituri flimkien, jew inkella minn wieħed minnhom jekk l-ieħor huwa mejjet, inkella mit-tutur jew kuratur f'każ li ż-żewġ ġenituri huma mejtin.

22. L-ewwel mistoqsija li għandha tiġi mwieġba allura hija jekk l-attriċi hux tassew li kienet teħtieġ il-kunsens tal-konvenut għall-bidla fil-kunjom tal-minuri, la darba b'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta' Lulju 2022, il-konvenut tilef is-setgħat tiegħu ta' ġenitur u l-attriċi ġiet awtorizzata tieħu kwalsiasi deċiżjoni dwar il-minuri weħidha.

23. L-artikolu 146(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li:

> Jekk wieħed mill-ġenituri jmut, is-setgħa tal-ġenituri tgħaddi biss għand il-ġenitur li jibqa' ħaj dwar it-tfal tiegħu u l-beni tagħhom, magħduda beni li jgħaddu għand it-tfal mill-beni tal-ġenitur mejjet u minn kull kawża oħra wara li jkun miet l-ewwel ġenitur.

24. Proprju għalhekk l-artikolu 92(6) jipprovdi li l-bidla fil-kunjom tal-minuri jista' jsir minn ġenitur wieħed fejn l-ieħor ikun miet. Dan għaliex is-setgħa tal-ġenitur tkun għaddiet fil-ġenitur soppravissut b'mod awtomatiku.

25. It-tieni subinċiż tal-artikolu 146(2) tal-Kodiċi Ċivili mbagħad ikompli jgħid hekk:

> Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll meta wieħed mill-ġenituri jkun tilef jew tneħħitlu s-setgħa ta' ġenitur, jew ma jkunx jista', minħabba li jkun nieqes jew minħabba impediment ieħor, jeżerċita l-jeddijiet tas-setgħa ta' ġenitur.

26. Dan allura jfisser li t-telfien jew it-tneħħija tas-setgħa tal-ġenitur fil-konfront ta' wieħed mill-ġenituri jkollha l-istess effetti maħsuba taħt l-ewwel subinċiż ta' dik id-dispożizzjoni, u ċjoè li s-setgħa tal-ġenitur tiġi vestita unikament fil-ġenitur l-ieħor.

27. Kif tifhimha din il-Qorti, meta l-konvenut tneħħitlu s-setgħa tal-ġenitur dwar il-minuri, huwa tilef il-jedd li jopponi jew li jagħti l-kunsens tiegħu għall-bidla tal-kunjom permessa skont l-artikolu 92(6). Huwa minnu li l-artikolu 92(6) ma jikkontemplax il-possibilità li ġenitur wieħed jagħmel din il-bidla meta l-ġenitur l-ieħor għadu ħaj. Dan però ma jfissirx li ġenitur li jitlef is-setgħat tiegħu dwar il-minuri taħt l-artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili jirritjeni xi jedd fuq il-minuri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 92(6) tal-Kodiċi Ċivili ma jidderogax mill-effetti tal-artikolu 146. L-artikolu 92(6) jikkontempla l-ipoteżijiet l-aktar probabbli dwar il-mod kif is-setgħa fuq il-minuri tkun vestita. Biss fejn tirriżulta ċ-ċirkostanza eċċezzjonali tat-tneħħija ta' dik is-setgħa, mela allura l-effetti ta' dik it-tneħħija jibqgħu jgħoddu anki fil-każ previst taħt l-artikolu 92(6), u d-dispożizzjonijiet hemmhekk kontenuti għandhom jinqraw u jinftehmu b'mod konsistenti mal-effetti ta' dik it-tneħħija.

28. Fuq kollox, it-tneħħija jew it-telfien tas-setgħa tal-ġenitur hija sanzjoni estrema li hija permessa mil-liġi u mposta mill-Qrati in tutela tal-minuri. Għalhekk ikun kontro-sens li l-effetti tal-impożizzjoni ta' dik is-sanzjoni jiġu mxellfa fi kwalsiasi mod. Kif spjega l-kittieb ***Bianca***:

> La violazione dei doveri inerenti alla responsabilità genitoriale con grave pregiudizio del figlio può comportare la decadenza dalla stessa, e cioè la perdita della titolarità, che rimane attribuita esclusivamente all'altro genitore…

> …
>
> La decadenza dalla responsabilità genitoriale è una sanzione estrema che implica una valutazione di non affidabilità del genitore a curare gli interessi del figlio.
>
> …
>
> La decadenza dalla responsabilità genitoriale comporta, tra l'altro, la perdita dell'usufrutto legale, il venir meno dell'obbligo del figlio di prestare gli alimenti legali al genitore decaduto … e la diseredazione di quest'ultimo…[23]

29. Huwa loġiku għalhekk li: «*Effetto della decadenza è l'estinzione della patria potestà e cosi di tutti i doveri e poteri ad essa inerenti*»[24]. Hekk ukoll ġie miżmum fil-ġurisprudenza tagħna[25]. Għalhekk mhux il-każ li sabiex tiġi applikata l-bidla permessa taħt l-artikolu 92(6) tal-Kodiċi Ċivili kien neċessarju l-kunsens tal-konvenut.

30. Fuq kollox, il-konvenut kellu diversi rimedji fil-konfront tad-deċiżjoni ġudizzjarja għat-tneħħija tal-awtorità tiegħu ta' ġenitur. Kellu l-jedd li jappella minn dik id-deċiżjoni. Kellu wkoll il-jedd, u għad għandu, li jitlob ir-reintegrazzjoni tas-setgħat ġenitorjali tiegħu, kif jippermetti l-artikolu 154(4) tal-Kodiċi Ċivili. Minn dan kollu iżda l-konvenut m'għamel xejn, u għalhekk issa ma jistax jippretendi li għad għandu s-setgħa li jopponi għal dik li attwalment hija s-setgħa esklussiva tal-attriċi. Għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma kollha infondati.

31. Dan kollu għalhekk ifisser illi l-attriċi għandha il-jedd li tipproċedi bil-bidla tal-kunjom tal-minuri, kif jippermetti l-artikolu 92(6), mingħajr il-kunsens tal-konvenut, u għalhekk isegwi li t-talbiet tagħha f'din il-kawża huma ġustifikati.

32. Strettament lanqas ma huwa l-każ illi din il-Qorti tgħaddi biex tqis x'inhuwa l-interess suprem tal-minuri fil-każ odjern. Dak l-eżerċizzju ġie mwettaq mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), li sabet li l-aħjar interess tal-minuri kien jiddetta li l-konvenut jiddekadi mis-setgħat ġenitorjali tiegħu, u li l-attriċi

---

[23] Diritto Civile (Milano, 2017), Vol.II-1, §221.
[24] ***Novissimo Digesto Italiano***, vuċi «Patria Potestà (Diritto Vigente)», §25.
[25] Ara per eżempju ***Marianne Decelis pro et noe vs. L-Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Mejju 2010), kif ukoll ***Carmen Baldacchino et vs. Victoria Pace et*** (Prim'Awla, 18 ta' Frar 2010).

weħidha jkollha s-setgħat kollu biex tiddeċiedi dwar bintha. U fl-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat, din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tiddisturba dak deċiż minn dik il-Qorti l-oħra. Jekk il-konvenut ma jaqbilx mad-deċiżjonijiet tal-attriċi dwar il-minuri, ir-rimedju tiegħu huwa li jitlob ir-reintegrazzjoni tiegħu fis-setgħat imneħħija lilu, u mhux li jikkontesta din il-kawża abbażi ta' drittijiet li huwa m'għandux.

33. Għall-istess raġuni, la l-liġi tagħti lill-attriċi, bħala l-ġenitur bis-setgħat esklussivi dwar il-minuri, is-setgħa li tbiddel kunjom bintha taħt id-dispożizzjoni msemmija, lanqas ma huwa neċessarju li l-Qorti tara kif il-minuri hija magħrufa. Dan għaliex l-artikolu 92(6) ma jimponix kondizzjoni bħal dik għall-bidla hemmhekk permessa.

34. Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) ma tqisx aktar l-ewwel, it-tieni u s-seba' eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut billi tqishom sorvolati;

(ii) tilqa' s-sitt u d-disa' eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut, iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tiegħu;

(iii) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

(iv) tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi kif dedotta;

(v) tilqa' t-tieni talba tal-attriċi kif dedotta;

(vi) ma tqisx aktar it-tielet talba billi saret biss b'mod alternattiv u sussidjarju għat-talbiet preċedenti;

(vii) ma tqisx aktar ir-raba' talba billi ma ġewx indikati atti oħrajn tal-istat ċivili x'jiġu mibdula, u billi l-passaport m'huwiex att tal-istat ċivili taħt il-Kodiċi Ċivili;

(viii) tordna li l-konvenut Tewogbula jbati l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur